# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru **18** Jannar Frar 1997

Stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA

B'din il-ħarġa **Il-Ħuttafa** tagħlaq **3** snin

## Ġdida mill-Atlantiku!



paġ 3

Sensiela ġdida

## Kont taf?

***Kemm niġri?***



paġ 6

Sensiela ġdida



Paul Portelli/Cygnus Ltd

***Fjamingu***

# Għeżież Ħuttaf...



**Il-ġimgħa l-oħra spiċċatli l-bajro u mort nixtri oħra. Għażilt waħda u mort biha fuq il-kawnter. Tal-ħanut fil-pront ġabritha, poġġitihieli f'borża tal-karti, u bi tbissima qaltli:**

**"Thirteen cents, please!"**

**Jiena ħallastha, ħriġt il-bajro mill-borża, tajtha l-borża lura u bi tbissima għidtilha:**

**"Il-borża m'għandix bżonnha, grazzi. Iffranka fergħa siġra!"**

**Imbagħad tfajt il-bajro fil-but u ħriġt 'il barra... Naħseb tal-ħanut ħasbitni miġnun.**

Tal-ħwienet imsieken jagħmlu mill-aħjar biex jaqduna tajjeb. Drawwa li saret moda hija li jgeżwrulna kollox f'borża. Biex imbagħad kif noħorġu mill-ħanut noħorġu l-oġġett mill-borża, u l-borża... narmuha! Heqq, wara kollox il-borża mill-bidu ma kellniex x'nagħmbuha. Jaħasra x'ġenn! Jaħasra x'ħela bla sens.

Dik il-borża biex ġiet f'idejna l-ewwel kienet injam f'siġra tal-prinjol ġewwa ngħidu aħna l-Iskandinavja, imbagħad ġew u qatgħuha, żabruha, rabtuha, għabbewha u ġarrewha, imbagħad taħnuha, ħasluha u saffewha, imbagħad żidulha l-kolla u l-kimika, saħħnuha u għaġnuha, firxuha u għattnuha, nixxfuha u twewha, imbagħad irrumblawha u sifruha; u mill-ġdid firxuha, qatgħuha, stampawha, twewha, inkullawha u ippakkjawha, għabbewha u wassluha għand tal-ħanut...

Immaġinaw kemm faħam u petrol u diżil intużaw biex tħaddmu l-fabriki u l-magni kollha biex dik id-daqsxejn borża (u kull biċċa karta oħra) waslet għandek. Il-karta hija meravilja li b'xorti ħażina nużawha bl-addoċċ wisq.

Għeżież Ħuttaf, bdiet sena ġdida. Dis-sena għall-ġid ta' l-ambjent għamlu mqar dan: meta tidħlu f'ħanut biex tixtru xi ħaġa, u dik ix-xi ħaġa tafu li tistgħu faċilment iġġorruha d-dar f'idejkom jew f'but (jew f'basket taċ-ċarruta li ħadtu magħkom), tbissmulu lil tal-ħanut u filwaqt li tagħtuh lura l-borża li jkun offrielkom, għidulu: "Le grazzi. Iffranka fergħa siġra!"

Tibżgħux, jekk nagħmluha spiss biżżejjed, tal-ħwienet fl-aħħar jifhmuha!




Victor

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet Lokali | paġ 3 |
| Mid-Dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 18 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...Il-Grawwa | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Kont Taf? | paġ 6 |
| Art Gallery | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 |
| Mill-Album | paġ 8 |
| Nowtbuk tan-Natura | paġ 9 |
| Baħħara tal-Galàpagos | paġ 10 |
| Gruppi Lokali | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera | paġ 12 |
| Bolli għall-Ballut | paġ 12 |




Bugħarwien

### Faċċata ta' Quddiem

## Fjamingu

(*Phoenicopterus ruber* - Greater Flamingo)

Għasfur tal-ħolm u tal-leġġendi. F'Malta rari, imma jekk tmur it-Tuneżija (pass 'il bogħod minna) tara l-eluf! Imbagħad jitfaċċa wieħed Malta, u jdamdmuh il-kaċċaturi!

**Working Group Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Isabella Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (ko-ordinatur), Victor Falzon.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħargiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 3 **Gruppi Lokali** fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1.50 fis-sena.

**Publikazzjoni ta' BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li tissemma' BirdLife Malta u tintbagħat kopja ta' fejn deher il-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Frar 1997

# Ġdida fjamanta u mill-bogħod!

F'Settembru 1995 John Borg, wieħed mill-esperti ta' BirdLife, kien mar jiġbor għasfur għajjien li kienu qalulna bih xi nies tal-Malta Freeport. Mad-daqqa t'għajn kien jidher li huwa Garnija (Mediterranean shearwater - *Puffinus yelkouan*). Imma John ġieh suspett li ma kienx eżattament Garnija bħal dik li tbejjet ma' l-irdumijiet Maltin. Għalhekk għamel studju dettaljat, u bagħat ir-riżultat ta' l-istudju barra minn Malta. Dan l-aħħar sar jaf li dak l-għasfur kien Manx Shearwater (*Puffinus puffinus*), tajra li tbejjet fin-naħat ta' fuq ta' l-Atlantiku. Dan l-għasfur ġdid ingħata l-isem bil-Malti: **Garnija tan-Nord**!

Ray Galea



**Garnija**

Kważi tewmija tal-Garnija tan-Nord

# Drakula... mill-kbar!

Nhar it-23 Novembru 1996 filgħaxija, John (Batman) Borg lemaħ farfett il-lejl dieħel minn fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli. Mid-daqs kbir ta' l-annimal, John (espert tal-friefet il-lejl) għarfu bħala **Farfett il-Lejl tad-Denb** (free-tailed bat - *Tadarida teniotis*). Qabel dakinhar din l-ispeċi kienet dehret biss f' Għawdex fix-xitwa 1993-4.



Il-Farfett il-Lejl tad-Denb huwa fost l-ikbar friefet il-lejl li jistgħu jidhru Malta. U hawn! Toqogħdux tibżgħu, kbir kemm hu kbir, ma jagħmilx għad-demm! Jiekol biss insetti li jtiru!

## *Il-Miġja tal-Margun*



Il-Margun (cormorant - *Phalacrocorax carbo*) huwa tajra tal-baħar. Il-berdwoċers tagħna jarawh fi qtajja' forma ta' linji jaqdfu bis-saħħa 'l barra mix-xtut. F'Malta l-imragen ma' tantx jidħlu lejn l-art, imma dan l-aħħar fir-riserva ta' l-Għadira daħal wieħed, u min rah ħa pjaċir josservah itir u jogħdos għall-ħut fl-għadajjar. Xi ftit tal-ġranet qabel kien daħal margun ieħor, li miskin kien ferut.

# Bil-pala u mhix furnara...



Dan l-aħħar fir-riserva ta' l-Għadira niżlet **Paletta** (spoonbill - *Platalea leucorodia*), għasfur xejn komuni (ara Il-Ħuttafa 10). Il-paletta ma tiżbaljahiex, b'dak il-munqar qisu l-kuċċarun tan-nanna! Fir-riserva damet ftit ġranet, imbagħad sparixxiet..!

# 1997... is-sena tal-kaċċatur?



## mid-DINJA

# Kondor ġej u Kondor Sejjer!

**Il-Kondor ta' l-Andes** għasfur tal-ġenn. Enormi! Anzi l-ikbar għasfur (li jtir) fid-dinja, u anke l-iktar wieħed li jgħix! Il-Kondor darba kien mifrux ma' l-Amerka t'Isfel kollha. Imma bħas-soltu minħabba l-bniedem li jeqred u joqtol, spiċċa minn ħafna nħawi. Xi snin ilu sar proġett biex il-Kondor ta' l-Andes jerġa' jiddaħħal fil-parks nazzjonali tal-Venezuela. Il-proġett irnexxa, u dan l-annimal ġgantesk reġa' deher jissaqqar fuq il-foresti u l-għoljiet tal-Venezuela. Imma...

Dan l-aħħar xi vandali reġgħu bdew joqtlu minnhom. Ma trid xejn biex il-Kondor ta' l-Andes jerġa' għal darb'oħra jisparixxi mis-smewwiet tal-Venezuela!

BBC Wildlife magazine Feb97

# K O M P E T I Z Z J O N I 18

*minn Norman Chetcuti the Puzzler*

## X'inhuma!




X'għasafar hemm moħbijin fl-istampi. Araw l-ewwel x'inhu l-oġġett, imbagħad neħħu jew żidu ittri skond kif indikat. Jekk tagħmlu kollox tajjeb, issibu 4 **ismijiet ta' għasafar**. Iktbu fuq karta dawn l-ismijiet, u ibagħtuhomlna. L-isem li ntellgħu fost it-tajbin jirbaħ **skultura ta' għasfur**. Ibagħtu t-tweġibiet lil:

**Kompetizzjoni 18**
**Klabb Huttaf - BirdLife**
**POBox498**
**Valletta CMR 01**

Ċans sat-**12 Marzu 1997**

## Rebbieħa

Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 17 hija **Antoinette Tagliaferro** minn Ħaż-Żabbar. Din rebħet **skultura ta' għasfur.** Antoinette mitluba tattendi l-attività tat-28 Frar (ara paġ 8) ħalli tingħata l-premju.

Xi membri jqasqsu l-Huttafa! Dawn żgur ma jirbħux. Jekk il-kopja tal-Huttafa ma tfaddluhiex, għadduha lil xi ħabib! Mhux tqattgħuha!



Ma' dil-harġa qed nibagħtulkom kopja tal-katalgu "**New World Music**". Minnu wieħed jista' jordna CDs ta' mużika rilassanti, spiss imżewqa bi ħsejjes min-natura. X'ħin tlestu minnu, għadduh lil ħaddieħor.



# il-Grawwa
## Għasfur Żeffien

It-2 ta' Diċembru 1990 - għodwa tax-xita, ksieħ u maltemp - temp ta' l-għasafar, kif isibuh il-berdwoċers. U hekk kien, għax għall-ħabta tad-disgħa dehru tliet qtajja' kbar, fihom b'kollox xi tmenin għasfur. Jittajru bil-mod, b'ċerta majestà... il-Graw!



Inħawi fl-Ewropa fejn tbejjet il-grawwa



Malti: Grawwa
Ingliż: **Common Crane**
Xjentifiku: ***Grus grus***

**Kbir!** Wieħed mill-akbar għasafar li jiġu Malta. Fih aktar minn 1m, u jiżen madwar 5kg! Saqajh u għonqu huma twal, u meta jtir jintgħaraf mill-ewwel peress li jżommhom maħruġin 'il barra. Lewnu x'aktarx griż, b'maskla sewda, bajda u ħamra fuq wiċċu. Bħas-soltu msomma, ħlejqa mill-isbaħ.

**Ipassi** fi qtajja forma ta' linja jew ta' V. Pjuttost rari, imma jidher kull sena. L-aħjar żmien huwa x-xitwa, l-aktar xi ġurnata maltemp. Jista' jidher kullimkien - basta l-berdwoċer iżomm għajnejh dejjem 'il fuq! Kultant jinżel f'xi post miftuħ jew xagħri. Il-bidwi ta' Kemmuna jgħid li sa għoxrin sena ilu, qatgħa graw ta' madwar tletin kienu jqattgħu x-xitwa fuq il-gżira mwarrba. U sena ilu grupp membri ta' BirdLife raw grawwa tiekol u tiġri fuq ix-xagħri ta' Kemmuna. Dehra li żgur ma jinsew qatt.



Fellus tal-grawwa

**Ibejjet** fit-Tramuntana ta' l-Ewropa (ara l-mappa), f'postijiet miftuħin u b'għadajjar żgħar. Dan l-ambjent jissejjaħ **bur** (bl-Ingliż *meadow*). Peress li l-bniedem jippreferi jbiddel dan l-ambjent f'għelieqi, il-graw naqas ħafna fl-imgħoddi. Xi pajjiżi issa qed jerġgħu joħolqu l-ambjent tal-bur biex il-graw u għasafar oħrajn jerġa' jkollhom fejn ibejtu u joktru.

**Żeffien?** Għax fi żmien il-bejta, il-graw jinnamra billi jiżfen. Victor, l-editur tal-Ħuttafa, kellu x-xorti li darba, f'bur miksi ċpar ġewwa n-Norveġja, ra par graw jiżfnu*. U kienet żifna li lanqas l-aqwa ballerina ma tiżfen!

**Mark Falzon**

Nota mill-Editur
*Sewwa qed tgħid, Mark! Il-post kien jismu Fokstumyra. Post... tal-ħolm!

# ittri

## L-Iżgħar fost iż-Żgħar

Għażiż Editur,

Qed niktiblek dwar ħaġa li dehret f'Il-Ħuttafa 17. Inti għidt li l-Bugeddum (pygmy white-toothed shrew *Suncus etruscus*) huwa l-iżgħar mammiferu fid-dinja.

Għal ħafna snin veru kien maħsub hekk. Imma fl-1973 fit-Tajlandja nstab* farfett il-lejl li kien twil biss 30mm, u tqil 1.5g. Tista' taħseb, bl-Ingliż jgħidulu Bumble Bee Bat! Dan huwa llum ikkunsidrat l-iżgħar mammiferu fid-dinja.

John Borg
Ta' Xbiex

*Craseonycteris thonglongyai



Għażiż John,

Grazzi mmens tat-tagħrif interessanti li għaddejtilna. Fil-ktieb *The Mammals of Britain and Europe* il-Bugeddum imniżżel bħala wieħed mill-iżgħar mammiferi tad-dinja, imma forsi mhux l-iżgħar.

Dak in-nitfa ta' farfett il-lejl li semmejtilna inti jidher li huwa verament iżgħar mill-Bugeddum! Mur ara l-frieħ tiegħu daqsxiex ikunu!!!

L-Editur



## Tikteb Gamiema...

Għażiż Editur,

Jiena gamiema.

Kemm nieħu gost intir minn hawn għal hemm. Imma hawn nies illi ma jħobbunix (ħlief mal-brodu). Dawn huma l-kaċċaturi.

Ar'hemm wieħed qed jimmira għal fuqi.

Bumm! Bumm!

Ħallini ngħix, sur kaċċatur!

Ian Attard
Ħaż-Żebbuġ

Għażiż Ian,

Għandi messaġġ għal dik il-gamiema li kitbitilna...

Għażiża Gamiema, naf li fi żmien il-passa tħoss il-bżonn li tgħaddi minn fuq Malta. Imma isma minni, jekk trid li tibqa' ħajja, ħu daqsxejn paċenzja u sib triq oħra. Jew tpassi xejn!

Għax f'dawn in-naħat tal-Mediterran hawn irġiel li jaħsbu li jekk ma joqtlux il-gamiem imutu bil-ġuħ.

Sa ma jibqa' dat-tip ta' nies, inti u sħabek l-għasafar tibqgħu f'periklu kbir. Għalhekk sib triq oħra, xbin!

U għid lil sħabek kollha.

L-Editur

**Nixtiequ nfakkru lill-membri li jiktbulna: il-posta m'għadhiex 5ċ, imma saret 6ċ!**

## IKTBU LIL

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**



## wildlink

Għal tagħrif dwar annimali jew pjanti Maltin, iktbu lil **Robert Borg - Wildlink • Klabb Ħuttaf • BirdLife Malta • POBox498 • Valletta CMR 01.**
Biex Robert iwieġibkom direttament, ma' l-ittra tagħkom inkludu envilop bl-indirizz tagħkom u bolla ta' 6ċ.

## Kont taf?

minn Audrey Chetcuti

# *Daqs ir-Riħ*



Iċ-**Ċita** (cheetah - *Acinonyx jubatus*) hija l-aktar annimal ta' l-art li jiġri. Kapaċi tisprintja b'ħeffa ta' **100km fis-siegħa**! Dil-ħeffa tridha biex taqbad l-għażżiela ta' Thomson (Thomson's gazelle), il-priża favorita tagħha, li jiġru kważi daqsha! Sa minn 3000qK l-bniedem kien irabbi u jittrenja ċ-Ċita biex tgħinu jikkaċċja. Aktar tard, f'London, kienu jtellqu ċ-Ċiti mal-greyhounds. Imma ċ-Ċita qiegħda tonqos, għax in-nies jikkaċċjawha għal-fer. Fl-Indja, fejn dari kien hemm ħafna, għosfrot fl-1950. Li baqa' jgħixu fl-Afrika, fejn fadal biss xi 30,000.

# ART GALLERY

**Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur. Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta**

Christopher Aquilina (13)

**Durrajsa**



Anonimu!

**Tukan**



Sur artist li pinġejt dat-tukan (u tmien għasafar oħra verament sbieħ), taf li nsejt tgħidilna min int? Mela ċempel jew iktbilna, ħalli ftit ftit ingibulek l-istampi l-oħra li pinġejt!

Andrew Galea (?)

**Gardell**



Owen Mifsud (?)

**Sula**



David Attard (9)

**Wiżgħa tal-Kampanja**



Justin Schembri (13)

**Pellikan**



# Attività



**X'għandna?** Taħdita bis-slajds
**X'jisimha?** **"Sptar għall-Għasafar"**
**Meta?** 28 Frar 1997
**Fejn?** L-Istitut Kattoliku (ara mappa)
**X'ħin?** 6pm -7.30pm
**X'iktar?** Innaqqru xi ħaġa!
**Ħaġa oħra?** Nixorbu wkoll!
**Baqa'?** Ħanut ta' materjal BirdLife
**Kemm?** 50c* (fil-bieb)
**Allura?** Ħeqq! Ejjew bi ħgarkom!




**IMPORTANTI:** Min ġej iċempel ħalli nkunu nafu kemm ġejjin. Tel: **230684** matul il-ġimgħa (qabel 1pm). Closing date: 26 Frar.

*Il-flus biex inħallsu għall-kiri tas-sala u għall-ikel eċċ.



Victor Falzon



Silvio Scicluna

# mill-Album

**Fuq**
**Logħba: Il-Passa**
**Okkażjoni: Il-party tal-Milied**
**Data: 19 Diċ 1996**

**Taħt**
**Logħba: Il-Katina ta' l-Ikel**
**Okkażjoni: Ħarġa GL Ħ'Attard**
**Data: 17 Nov 1996**

## grazzi!

Lil Fr **Dione Cutajar**, kappillan ta' Ħ'Attard, li spiss iħallina nużaw il-sala parrokkjali tar-raħal.

## grazzi!

Lis-sur **Michael Falzon** għalliem ta' l-arti u membru f'BirdLife, tal-paċenzja u l-ħin li ħa biex għamlilna b'xejn 50 skultura ta' għasafar.

## grazzi!

Lis-sur **Mario Grech** li għen fil-produzzjoni ta' ħendawts għall-membri tal-Grupp Lokali Ħ'Attard.

# Nowtbuk tan-Natura



## Gzuz!

Bħalissa, fil-qalba tax-xitwa, eluf ta' għasafar jinġabru filgħaxijiet u narawhom jagħqdu fuq rasna. Fis-siġar folti tal-fiku li nsibu fil-pjazez ta' l-irħula tagħna, jinġabru gzuz ta' għasafar, jimbuttaw u jargumentaw bejniethom għal post qalb il-friegħi. Tgħid għaliex jagħmlu hekk l-għasafar?

Fix-xitwa l-għasafar ma joqogħdux mal-bejta: il-bejta tintuża biss fi żmien it-trobbija tal-frieħ. Xi għasafar, bħal Tal-Bejt, l-iSturnell u z-Zizka Bojod jitgezzu flimkien biex itaffu ftit mill-kesħa ta' l-irjieħ xitwin. It-temperatura ta' ħafna iġsma żgħar imħaddnin flimkien ixxerred ftit tas-sħana.

Barra minn hekk, l-għasafar fi grupp iħossuhom inqas f'periklu li jinqabdu minn xi predatur. Jekk tkun waħdek u jarak seqer, lilek se jaqbad. Imma jekk tkun ġo folla, hemm inqas ċans li int tkun l-iżvinturat!

Issa li taf dan kollu, jekk fil-misraħ tar-raħal tiegħek taf li hemm xi siġar kbar u folti, issa ż-żmien li taqbeż qabża s'hemm filgħaxija (4-5pm) ħalli tara jinżlux għasafar jorqdu fis-siġar. Tistenniex jidħol Marzu, għax f'Marzu ħafna għasafar jibdew jaħsbu għall-bejtiet, u ma jibqgħux jinġabru flimkien.

## Tal-Qoxra

Meta tagħmel ix-xita, joħorġu dawk tal-qoxra! Kulħadd jaf bid-drawwa tal-bebbux, li jitfaċċa fi żmien l-istaġun l-imxarrab. Xi nies jiġbruhom bil-gzuz u jitfgħuhom ħajjin f'ilma jagħli biex jikluhom. Imma kemm tafu dwaru dan l-annimal umli?

Il-bebbux joħroġ fi żmien ix-xita, għax jekk jinxef imut. Fis-sajf jissiġilla l-bokka tal-qoxra b'għatu ta' rita rqiqa, u jgħaddi l-istaġun tan-nixfa mgezzez hemm ġew għall-frisk u għall-umdu. Sadattant isum!



Il-blalen f'tarf dawk il-famużi antenni mhumiex għanejn, kif jaħsbu ħafna. Dawk huma sensi li l-bebbuxu juża biex iħoss fejn hu sejjer.

Mas-saqaf ta' ħalqu, il-bebbuxu għandu lsien qisu raspa. Dan jużah biex jobrox il-wiċċ tal-werqa, imbagħad jibla' l-frak. Dan l-ilsien tant hu iebes li kapaċi jigref il-blat! Immaġina lilek tigref blata b'ilsienek!!!

Il-ġisem tal-bebbuxu tant jiġġebbed li kapaċi jitkaxkar fuq xifer ta' sikkina bla ma jweġġa'.

Issa meta taraw bebbuxu, tgħaffġuhx miskin. Jekk forsi dar għal xi pjanta prezzjuża tal-Mamà, neħħuh bil-galbu u itilquh x'imkien fejn ma jagħmilx ħsara. Tagħmlu x'tagħmlu, ftakru x'meraviljata' annimal għandkom f'idejkom.

## Xeblieka

Il-liedna ma tagħmilx fjuri spettakolari, u forsi għalhekk spiss ma nagħtux kasha. Ejja nħarsu lejha ftit iktar mill-viċin.

Iz-zokk tal-liedna mhux b'saħħtu biżżejjed biex din treġġi weħidha bħal siġar oħrajn. Allura biex tikber 'il fuq, il-liedna tixxeblek ma' fejn issib - ħajt, siġra oħra, arblu, anke krejn mitluq! Biex tixxeblek, il-liedna tarmi għeruq speċjali li minnhom toħroġ kolla biex teħel ma' l-oġġett li tkun qed tikber miegħu!

Ħafna annimali żgħar jiġġennu jaraw liedna. L-insetti jagħtihom ferħ ta' ġenn fi żmien il-fjuri (fil-ħarifa). Oħrajn jużawha biex jistaħbew qalb il-weraq folt tagħha. Purtiera mudlama bħal dik! X'ma jifraħx il-wiża'. Xi għasafar il-gost tagħhom ibejtu fiha. Staqsi lill-Bufula Sewda!

Fix-xitwa l-liedna tagħmel għenieqed ta' frott żgħir iswed, tond u artab. Perfett għall-povri għasafar imġewħin u jtertru. Inżlu sal-Buskett daż-żmien u tara Kapineri, Buful Iswed, imlievez u għasafar oħrajn jitħanżru fuq il-frott tal-liedna.

Ikel, kenn u moħba għall-bejta. Xi trid iktar qalb ta' għasfur!?



**Bumistur kuntent mistur qalb il-friegħi tal-Liedna**

*Desirée Falzon*

# Baħħara tal-Galàpagos

**5**

**Tajr tal-baħar tal-Gżejjer Galàpagos. F'din il-ħarġa...**

## L-Albatros tal-Galàpagos

Il-Galàpagos huma grupp ta' gżejjer. Waħda minn dawn il-gżejjer jisimha Española. U proprju fuq din il-gżira jbejtu mat-12,000 par ta' albatros. Dan huwa l-**Albatros tal-Galàpagos**, għasfur endemiku għal din il-gżira - jiġifieri ma jinstab imkien iktar ibejjet fid-dinja!




**Par Albatros tal-Galàpagos ...jinnamraw!**

Tpinġija David Aloisio

Għall-kuntrarju ta' l-għasafar tal-baħar l-oħrajn, li jaqbdu l-ħut minn madwar il-gżejjer, l-Albatros tal-Galàpagos jitlaq għal erba' xhur sħaħ lejn l-Amerka t'Isfel, isegwi dejjem il-kurrent qawwi ta' Humboldt. Jerġa' lura biex ibejjet fit-tmien xhur li jkun fadal.

L-Albatros tal-Galàpagos 'jitgħarras' għal għomru ma' l-istess sieħeb jew sieħba! Imma bejta ma jibni qatt. Il-mara tbid il-bajda direttament fl-art. U biex bħallikieku dil-ħaġa mhix stramba biżżejjed, l-albatros ma jikkuntentax iżomm il-bajda f'post fiss. Fil-fatt il-bajda joqgħod iċaqlaqha minn post għal ieħor, kultant ibiegħdha sa 90m 'l bogħod mill-post oriġinali fejn il-mara tkun biditha! Għaliex jagħmlu hekk ħadd s'issa ma jaf, imma huwa fatt li l-aktar bajd li jfaqqas huwa dak li l-aktar jitħarrek minn post għal ieħor! Meta l-frieħ jikbru ftit jibdew jitħallew weħidhom sakemm ix-xjuħ joħorġu jistadu. Waqt li l-kbar ma jkunux magħhom, il-frieħ jinġabru fi gruppi mdaqqsin (bl-ingliż jgħidulhom *nurseries*), li mbagħad jinfirdu meta kull ferħ jagħraf l-għajta tal-ġenitur tiegħu li jkun ġie lura bl-ikel.

L-albatros kapaċi jigglajdja għal ħinijiet straordinarji. Dan jirnexxielu għax għandu ġwinħajh twal immens u dojoq. Jagħżel għoli mill-baħar li jkun komdu għalih skond il-forza taż-żiffa, u fuq dan il-kurrent ta' arja jissiefaħ għal ħin twil ħafna. B'dan il-mod l-albatros jasal distanzi inkredibbli... bla ma jaqdef darba ġwinħajh!

Minħabba t-tul esaġerat ta' ġwinħajhom, l-albatros isibu problema biex jinqatgħu mill-art fi pjanura, jew anke mill-baħar kalm. Irid ikun ir-riħ li jgħinhom biex itiru. Barra minn hekk, kemm-il darba jkollhom inċidenti meta jiġu biex jinżlu fuq il-blat volkaniku jniggeż ta' dawn il-gżejjer. Dan għaliex mhux dejjem jirnexxielhom jikkontrollaw fil-ħin il-ħeffa kbira li biha jkunu deħlin lejn l-art.

**Albatros tal-Galàpagos** - *Diomedea irrorata*, Waved Albatross

**David Aloisio**

---

Nota mill-Editur

L-albatros iżomm ir-rekord ta' l-aktar ġwienaħ twal tad-dinja (tneħħi l-Pterodactyl u l-Pteranodon, żewġ dinożawri mdaqqsin li kienu jtiru). Minn ponta sa ponta ta' ġwinħajh miftuħin, l-Albatros Pellegrin (Wandering Albatross) jiftaħ medda ta' 3.3m! Ftit iktar minn pitirross, imsomma!!!

# GRUPPI LOKALI

(K=Ko-ordinatur)

**H'ATTARD**
Leaders: Isabella Borg, Grace Camilleri, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).

**NAXXAR/GHARGHUR**
Leaders: Jason Aloisio (K), Anita Bezzina, Fleur Casha, Mark Falzon (K), Justin Vassallo.

**RABAT/DINGLI**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Angéle Pulis, Chris Pulis.




Triq Żekka – Triq Sta Lucija – Triq l-iFran
No65 ○

○ = BirdLife Nature Shop
Mit-Tnejn sal Ġimgħa: 9am-12noon

BirdLife MALTA






# Daħħal membru fi Klabb Ħuttaf



## ... u għalik BEĠĠ SPEĊJALI!

- Speċjali għax dwar in-natura
- Speċjali għax tal-metall
- Speċjali għax unika, jiġifieri ma jkunx hemm oħra bħalha

Sib ħabib jew ħabiba, ħajjarhom jidħlu fi Klabb Ħuttaf, imla d-dettalji tagħhom hawn taħt, imla tiegħek ukoll, u ibagħtilna l-formola flimkien mal-**Lm1.50** miżata. Kif jaslilna kollox nibagħtulek il-beġġ!

**Dettalji tal-MEMBRU GDID**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________ PostCode

Tel ____________ Data tat-Twelid ____________

**Dettalji TIEGHEK STESS**

Ismek ____________________

Indirizz ____________________

____________________ Telefon ______

Ibgħat kollox lil **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR01**. Tibgħatx flus bil-posta. L-aħjar ċekk jew Postal Order (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 25 bolla tas-6ċ mhux użati.

Victor Falzon



x'rat il-kamera

Li kieku kull Malti
mqar darba
Iħawwel siġra
F'dil-gżira...



# BOLLI GĦALL-BALLUT!





## Grazzi...

...lil dawn il-Ħuttaf, li sa l-aħħar ta' Jannar 1997 ħadu sehem fil-Kampanja **Bolli għall-Ballut**.

**Charlene Bonnici**
**Reuben Bonnici**
**Adrian Borg**
**Chris Borg**
**Karmenu Briffa (SSCN)**
**Christian Brincat**
**Alistair Bugeja**
**Rachel Caruana**
**AnnMarie Cefai**
**Adriana Debono**
**Maria Deguara**
**Julian Falzon**
**Audrienne Fenech**
**Irene Montebello**
**Stefan Muscat**
**Geraldine Powell**
**Allister Spiteri**
**Justin Vella**
**Maureen Xuereb.**



Bejniethom dawn il-Ħuttaf baghtulna 3000 bolla! Lil dawn il-membri lkoll bgħatnilhom kartolina differenti għal kull 100 bolla wżata li baghtulna. F'Il-Ħuttafa li jmiss inkomplu l-lista. Mela...

**IBQGĦU IBAGĦTULNA L-BOLLI!**

Faddlu

*Iva l-bolli bdew jinġemgħu*
*U ġo l-envilops deħlin!*
*Nies qed jixtru għal ġo l-albums*
*U xi flus ġa bdew ġejjin!*

*Malli ħamsin lira nfaddlu*
*Nixtru munzell qsari żgur*
*Dawn bil-ġandar niżirgħuhom*
*Għall-foresta tal-futur.*

*Mela komplu faddlu l-bolli*
*Ibagħtulna bil-mijiet -*
*Kartolini nibagħtulkom*
*B'tan-natura affarijiet.*

Faddlu bolli ta' Malta jew ta' barra. Anke jekk ikunu l-istess, ibagħtulna xorta. Ibagħtu kollox lil
Bolli għall-Ballut c/o BirdLife Malta POBox48
Valletta CMR 01

*Kemm s'issa daħħalna flus mill-bolli li nbigħu*

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |